**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta , 29 ta' April, 2025**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Guramentat Numru:- 483/2022 JVC**

**Michelle Massa (KI 437172M), Sarah Laspina (KI 350179M), Nicholas Camilleri (KI. 381769M) u Antonio Camilleri (KI. 385266M)**

**vs**

**Dr Maria Karlsson u l-PL Louisa Tufigno illi b'digriet tas-17 ta' Jannar 2023 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-persuni mhux maghrufa u li jista' ikollhom il-pussess tal-mahzen numru**

**erbghatax (14) gewwa Flagstone Wharf, Marsa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Michelle Massa (KI. 437172M), Sarah Laspina (KI. 350179M), Nicholas Camilleri (KI. 381769M) u Antonio Camilleri (KI. 385266M) illi permezz tieghu talbu kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma lkoll l-aventi kawża tad-defunt Etelvoldo Bugeja li miet nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elf disa' mija u wieħed u sittin (1961).

2. Illi permezz ta' kuntratt ippublikat in atti tan-Nutar Michele Luigi Casolani nhar it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914), id-defunt Etelvoldo Bugeja kien akkwista mingħand il-Gvern Civili, ghall-perjodu ta' mija u ħamsin (150) sena, l-*utile dominium* temporanju ta' art li tinsab ġewwa Flagstone Wharf, Marsa.

3. Illi fuq l-art konċessa lilu Etelvoldo Bugeja bena għaxar (10) mħażen, fosthom il-maħżen innumerate bin-numru erbatax (14) ġewwa Flagstone Wharf, Marsa kif ukoll il-bitħa retroposta ghall-istess maħżen u formanti parti integrali minnu.

4. Illi ftit taż-żmien wara li Etelvoldo Bugeja kien bena u kkompleta d-diversi mħażen ġewwa Flagstone Wharf, Marsa, inkluż għalhekk dak bin-numru erbatax (14), huwa

kien ikkomercjalizza l-istess billi biegħ uħud mill-imħażen filwaqt li kera jew amministra xort oħra r-rimanenti maħżen.

5. Illi mir-riċerki magħmula fuq it-trasferimenti ta' Etelvoldo Bugeja ma jirriżultax li huwa qatt biegħ jew aljena xort oħra l-proprjetà tal-maħżen bin-numru erbatax (14) ġewwa Flagstone Wharf, Marsa, tant li l-istess maħżen ġie saħansitra denunzjat bħala formanti parti mill-wirt tiegħu mill-eredi tiegħu.

6. Illi għalhekk ir-rikorrenti huma l-proprjetarji veri tal-*utile dominium* temporanju tal-maħżen bin-numru erbatax (14) gewwa Flagstone Wharf, Marsa.

7. Illi fil-fatt l-*utile dominium* temporanju tal-maħżen *de quo agitur* iddevolva *causa mortis* favur ir-rikorrenti, u dan bil-modalita segwenti:

a. Illi Etelvoldo Bugeja kien mizzewweg lil Emma nee Pace Axiaq u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied, ossia Joseph Bugeja u Mary Rita sive May Laspina nee Bugeja;

b. Illi filwaqt li Joseph Bugeja kellu wild wieħed, ossia Louis Mario Bugeja, Mary Rita sive May Bugeja iżżewġet lil Angelo Laspina u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal, John Laspina u Marie Therese Camilleri nee Laspina;

c. Illi Etelvoldo Bugeja miet nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elf disa' mija u wieħed u sittin (1961), b'dan li

huwa ħalla lil ibnu Joseph Bugeja bħala l-unika eredi tiegħu filwaqt li ħalla biss il-leġittima lil bintu Mary Rita sive May Laspina;

d. Illi mid-denunzja ta' Etelvoldo Bugeja jirrizulta li huwa kellu n-nofs indiviz tal-proprjetà, b'dan li għalhekk in-nofs indiż l-ieħor kien jappartjeni lil martu Emma Bugeja nee Pace Axiaq;

e. Illi Joseph Bugeja miet ftit biss wara missieru Etelvodo Bugeja;

f. Illi l-unika wild ta' Joseph Bugeja, Louis Mario Bugeja, irrinunzja ghall-wirt ta' missieru;

g. Illi għalhekk skond il-liġi l-wirt ta' Etelvoldo Bugeja reġa' rreverta lura lill-armla tiegħu Emma Bugeja nee Pace Axiaq, b'dan li hija mietet nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976);

h. Illi skond l-aħħar testment ta' Emma Bugeja nee Pace Axiaq hija ħalliet bħala l-uniku eredi tagħha lit-tifla tagħha Mary Rita sive May Laspina;

i. Illi madankollu z-żewġt itfal ta' Mary Rita sive May Laspina, ossija Marie Therese Camilleri nee Laspina u John Laspina, mietu qabel ommhom Mary Rita sive May Laspina. Fil-fatt Mary Rita sive May Laspina mietet nhar il-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007);

j. Illi gialadarba Mary Rita sive May Laspina kienet ħalliet lil Marie Therese Camilleri nee Laspina u John Laspina bħala l-uniċi eredi tagħha u dan bis-saħħa ta' testment *unica carta* magħmul in atti tan-Nutar Dr Antonio Carbonaro nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tnejn u Sebgħin (1972), u gialadarba dawn mietu qabel ommhom, meta mietet Mary Rita sive May Laspina l-wirt tagħha ddevolva fuq l-eredi ta' Marie Therese Camilleri nee Laspina u John Laspina;

k. Illi l-eredi ta' John Laspina, li miet nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn wieħed (2001), hija t-tifla tiegħu ossija r-rikorrenti Sarah Laspina u dan bis-sahha tat-testment magħmul in atti tan-Nutar Dr Peter Carbonaro nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994);

l. Illi l-eredi ta' Marie Therese Camilleri, li mietet nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998), huma r-rikorrenti Nicholas Camilleri u Michelle Massa, u dan bis-sahha tat-testment magħmul in atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat magħmul nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997);

8. Illi sfortunatament ir-rikorrenti m'għandhomx għarfien dwar min qiegħed jokkupa l-maħżen fil-preżent, tant li jidher fi stat ta' abbandun u minkejja l-aħjar sforzi tagħhom huma ma setgħux jaslu biex jidentifikaw min jista' jkun qiegħed jivvanta xi titolu ta' pussess, użu jew xorta oħra fuq l-istess maħżen.

9. Illi għaldaqstant ir-rikorrenti ma kellhomx alternattiva ħlief li jistitwixxu l-azzjoni odjerna sabiex jitolbu dawk kir-rimedji kollha lilhom spettanti u li huma fis-setgħa ta' din l-Onorabbli Qorti li taghti.

10. llli r-rikorrenti jiddikjaraw li huma jafu b' dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, jgħidu s-soċjetajiet intimati, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-*utile dominium* temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin sena li bdew jiddekorru fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914) tal-maħżen numru erbatax (14), Flagstone Wharf, Marsa kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta'wara tal-istess maħżen.

ii. Konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess liberu u battal tal-maħżen numru erbatax (14), Flagstone Wharf, marsa, kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen, filwaqt li tagħti dawk l-ordnijiet kollha meħtieġa u neċessarji sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jaċċedi u jidħlu fil-pussess effettiv tal-istess maħżen, inkluż permezz tal-opera ta' periti nominandi.

iii. Tordna l-iżgumbrament ta' kwalsijasi persuna li tista' tkun qiegħda tokkupa u/jew tagħmel użu mill-maħżen numru erbatax (14), Flagstone Wharf, Marsa kompriż fih il-bitħa li

tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen, u dan fi żmien qasir u perentorju li jghogobha tiffissa ghal dan il-għan din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, minn issa ngunti in subbizzjoni.'

Rat li fis-17 ta` Jannar 2023, Dr Maria Karlsson u l-PL Luisa Tufigno kienu nnominati bħala kuraturi fil-kawża *de quo* għall-finijiet kollha tal-liġi.

Rat ir-risposta ta' Dr. Maria Karlsson (ID 271964M) u l-PL Luisa Tufigno li taqra kif isegwi :

'Illi hija ġiet maħtura bħala kuratur deputat flimkien mal-prokuratur legali Luisa Tufigno b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2023 ghall-finijiet kollha tal-liġi.

Illi l-kuratur deputati m'humiex edotti mill-fatti,

Illi fi kwalunkwe' każ u ghal kull buon fini r-rikorrenti jirreleva li huma m'għandhomx ebda tagħrif jew indirizzi fejn jistgħu jiksbu tagħrif dwar din il-propjetà u lanqas ma eżebew dokumenti in sostenn tat-talba tagħhom;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-attur u b'riserva ghal azzjonijiet oħra spettanti lill-eċċipjenti kontra l-istess attur, fosthom dik għad-danni.'

Rat l-affidavits, xiehda, pjanti, kuntratti, ritratti, dokumenti varji, verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u l-provi kollha mressqa u esibiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat  2 ta' Lulju, 2024 ir-rikors ġie differit ghal-lum għad-deċiżjoni  bil-fakultà tal-partijiet li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet li daħlu fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**<u>Fatti:</u>**

Illi r-rikorrenti odjerni ntavolaw il-proċedura odjerna stante li jivvantaw titolu tal-*utile dominium* temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin sena li bdew jiddekorru fit-30 ta' Novembru, 1914, tal-maħżen numru erbatax (14), Flagstone Wharf, Marsa kompriż il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen. Ir-rikorrenti jisħqu li din il-propjetà ġiet għandhom mis-suċċessjoni ta` ċertu Etelvoldo Bugeja li miet nhar il-21 ta' April, 1961.  Ir-rikorrenti ghalhekk isostnu li huma s-sidien tal-maħżen numru erbatax (14), Flagstone Wharf, Marsa kompriż il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta'wara tal-istess maħżen, liema maħżen isostnu li ilu snin twal magħluq, dizokkupat u abbandunat u konsegwentement qed jitolbu lil din l-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex jirriprendu l-pussess tal-propjetà mmobbli *de quo agitur*.

**<u>Ikkunsidrat fil-mertu:</u>**

Illi, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza l-provi biex tistabbilixxi r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u Etelvoldo Bugeja.

Illi, Etelvoldo Bugeja kien mizzewweg lil Emma nee Pace Axiaq (ara ċertifikat taż-żwieġ fol. 20) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied, ossija Joseph Bugeja u Maria Rita Laspina nee Bugeja.

Illi, mid-denunzja ta' Etelvoldo Bugeja (ara fol. 29 et seq) jirrizulta li huwa kellu n-nofs indiviz tal-proprjetà, konsegwentement in-nofs indiż l-ieħor kien jappartjeni lil martu Emma Bugeja nee Pace Axiaq.

Illi, Joseph Bugeja kellu wild wieħed, ossija Louis Mario Bugeja. Joseph Bugeja miet nhar id-9 ta` Ottubru, 1962 (ara ċertifikat tal-mewt fol. 35).

Illi, l-uniku wild ta' Joseph Bugeja, ossija Louis Mario Bugeja, irrinunzja ghall-wirt ta' missieru (ara fol. 38), għalhekk l-wirt ta' Etelvoldo Bugeja reġa' rreverta lura lill-armla tiegħu Emma Bugeja nee Pace Axiaq.

Illi, Emma Bugeja nee Pace Axiaq mietet nhar it-28 ta' Diċembru, 1976 (ara ċertifikat tal-mewt fol. 39), u skont testment ippublikat in atti tan-nutar Victor Bisazza datat nhar is-26 ta` Awwissu 1961 (ara fol. 43) innominat bħala l-uniku eredi universali tagħha lill bintha Maria Rita Bugeja li kienet miżżewġa lil Angelo Laspina u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal, John Laspina u Marie Therese Camilleri nee Laspina.

Illi, Maria Rita Laspina nee` Bugeja mietet nhar il-05 ta' Marzu, 2007 (ara ċertifikat tal-mewt fol. 45) u skont testment ippublikat in atti tan-nutar Antonio Carbonaro datat nhar it-08 ta` Lulju, 1972 fejn il-konjugi Laspina ddikjaraw li s-successjoni tagħhom ser tkun regolata mil-Liġi u b' hekk Marie Therese Camilleri nee Laspina u John Laspina huma l-uniċi eredi tagħha.

Illi, Marie Therese Camilleri nee Laspina mietet nhar is-06 ta` Jannar 1998 (ara ċertifikat tal-mewt fol. 50) u permezz ta` testment ippublikat minn nutar Joseph Brincat datat nhar it-12 ta` Novembru, 1997, (ara fol. 53) fejn jirrizulta li l-eredi ta' Marie Therese Camilleri huma r-rikorrenti Anthony Camilleri, Nicholas Camilleri u Michelle Massa nee Camilleri.

Illi, John Laspina miet nhar it-03 ta` April 2001 (ara ċertifikat tal-mewt fol. 55) u permezz ta` testment datat nhar is-17 ta` Jannar, 1994, liema testment kien ippublikat minn nutar Peter Carbonaro ħalla t-tifla tiegħu ossija r-rikorrenti Sarah Laspina bħala l-eredi universali tiegħu.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi, mil-atti jirrizulta li Etelvoldo Bugeja, permezz ta` att ppublikat minn Nutar Michele Luigi Casolani datat 30 ta` Novembru, 1914, kien akkwista mingħand il-gvern l-*utile dominium* temporanju, ghall-perjodu ta` mija u ħamsin sena, ta` biċċa art li tinsab fil-menqa marghufa bħala *Flagstone Wharf* fil-Marsa (ara fol. 320).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2023, xehdet Charmaine Bugeja in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali fejn eżebit kopja tal-proċess bin-numru tad-digriet 786/1984 (ara fol. 168).

Illi, mix-xhieda mogħtija minn Brigid Grixti in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi (ara fol. 239) hija kkonfermat li Emma Bugeja kellha denunzja eżebita a fol. 240, iżda stqarret li Maria Rita Laspina ma kellhiex denunzja. Ix-xhud ikkonfermat li John Laspina kellu erba' dikjarazzjonijiet causa mortis li ġew eżebiti seduta stante (ara fol. 243 te seq). Ippreżentat ukoll tliet dikjarazzjonijiet causa mortis ta` Marie Therese Camilleri (ara fol. 255 te seq).

Illi, mix-xhieda mgħotija minn Robert Vella fil-kwalità tiegħu bħala Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet (ara fol. 310 et seq), huwa kkonferma li l-art in kwestjoni, cioe dik fejn hemm illum mibni l-maħżen bin-numru erbatax (14), *Flagstone Wharf*, Marsa, kienet mogħtija b`konċessjoni lil Etelvoldo Bugeja fit-30 ta` Novembru, 1914. Ix-xhud stqarr li minkejja li kien saru diversi trasferimenti tal-imħażen li kien żviluppa Etelvoldo Bugeja ma jirrizulta li kien hemm ebda trasferiment tal-maħżen bin-numru erbatax (14), *Flagstone Wharf,* Marsa.

Illi, mill-affidavit tar-rikorrenti Michelle Massa (fol. 288) hija tikkonferma li hi bint Marie Therese Camilleri li kien bint Maria Rita Laspina u l-istess Maria Rita Laspina kienet bint Etelvoldo Bugeja. Hija spjegat li minn riċerka li saret fuq il-buznannu, cioe' Etelvoldo Bugeja, rriżulta li l-maħżen bin-numru erbatax (14), *Flagstone Wharf,* Marsa qatt kien nbiegħ jew ġie trasferit. Hija tkompli billi tgħid li *ai termini* tal-liġi dan jfisser li l-maħżen kien baqa` propjetà tiegħu sakemm ġie nieqes u għadda b`wirt. Tixhed

li dan il-maħżen kien ukoll elenkat fid-denunzja li sar dwar il-wirt ta' Etelvoldo Bugeja u konsegwentement peress li dan il-maħżen qatt ma kien trasferit lil terzi, dan baqa' jintiret fil-familja sabiex illum il-ġurnata l-maħżen bin-numru erbatax (14), *Flagstone Wharf,* Marsa, huwa propjetà tagħha u ta` ħutha Antonio u Nicholas Camilleri kif ukoll tal-kuġina Sarah Laspina. Ikkonfermat li l-kawża saret stante li ma għandhomx pussess tal-fond in kwistjoni u l-istess fond huwa abbandunat.

**<u>Ikkunsidrata l-azzjoni</u>**

Illi minn kif huma mposti t-talbiet rikorrenti l-Qorti tifhem in-natura ta` l-azzjoni tista' titqies li hija l-*actio rei vindicatoria* u dan stante lir-rikorrenti qed jinvoka l-proprjetà in kwistjoni cioe l-maħżen numru erbatax (14), *Flagstone Wharf*, Marsa, kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta'wara tal-istess maħżen, tappartjeni lilhom, u għalhekk għadhom jipprovaw titolu oriġinali fuq il-proprjetà vindikata.

Illi, fil-kawża fl-ismijiet ***Wisq Rev. Kan. Giuseppe Cassar noe vs. Emmanuele Barbara et***, il-Qorti tal-Appell Ċivili fid-deċiżjoni datata nhar is-7 ta' Ottubru, 1980, stqarret li: *'Min jitlob ir-rivendikazzjoni jrid jipprova d-dominju ossija l-proprjetà fih tal-haġa li jrid jirrivendika. Mhix suffiċjenti l-prova li dik il-haġa mhix tal-konvenut, imma jrid juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu, għaliex "melior est conditio possidentis", u din il-prova hemm bżonn li tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken, għandu jmur favur il-possessur konvenut.'*

Illi, issa huwa veru li r-rikorrenti jridu jipprovaw t-titolu tagħhom, titolu li suppost għandu jwassal għall-wieħed oriġinali, iżda fid-dawl tad-diffikultà, jekk mhux impossibilita' (tant li tissejjah *diabolica probatio)* ta' din il-prova, il-ġurisprudenza nostrana u l-awturi immitigaw din il-prova li tispetta lir-rikorrenti u l-prova rikjesta ma baqgħetx meħtieġa li tkun daqshekk reġida, iżda għandha tkun imqabbla ma' dik tal-intimat possessur.

Illi, nonostante dan fil-kawża fl-ismijiet ***William Portelli vs. Peter Paul Portelli,*** il-Qorti tal-Appell Ċivili fid-deċiżjoni datata nhar is-27 ta' Settembru , 2019, qalet hekk dwar il-grad ta` prova: '*[omissis] l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma ivvantax titolu: ir-raġuni hi li l-attur fl-azzjoni revindikatorja għandu juri titolu oriġinali. Il-fatt waħdu li l-konvenut jivvanta titolu ma jeħlisx lill-attur mill-oneru tal-probatio diabolica; l-attur jinħeles minn dak l-oneru fil-każ biss li l-konvenut, impliċitament jew espressament, jammetti l-validità tat-titolu tal-attur iżda jivvanta titolu aħjar*.'[1]

Illi, din it-teorija tal-prova *migliore* għandha l-bażi tagħha fid-Dritt Ruman, u kienet tissejjah l-*actio Publiciana.* Kwindi, lir-rikorrenti mhux tenuti jipprovaw titolu oriġinali, iżda biżżejjed jipprovaw titolu aħjar minn dak ta' l-intimati.

Illi, mil-provi jirrizulta li l-buznannu tar-rikorrenti, cioe Etelvoldo Bugeja, kien akkwista l-*utile dominium* temporanju għaż-żmien mija u ħamsin sena li bdew jiddekorru fit-30 ta' Novembru, 1914, fuq biċċa art li fost bosta imħażen hemm mibni l-maħżen numru

[1] Sottolinjar ta` din il-Qorti

erbatax (14), *Flagstone Wharf*, Marsa kif ukoll il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta'wara tal-istess maħżen.

Illi dan l-att kien dak li r-rikorrenti jridu jipprovaw bħala t-titolu oriġinali li bih l-antekawża tagħhom kien akkwista li fuqha żviluppa diversi mħażen fosthom il-maħżen numru erbatax (14), *Flagstone Wharf*, Marsa.

Illi, l-Qorti hija konvinta li l-antekawża tar-rikorrenti, cioe Etelvoldo Bugeja, kien akkwista-*utile dominium* temporanju għaż-żmien mija u ħamsin sena mingħand il-gvern kif del resto kien ikkonfermat ukoll minn Robert Vella fil-kwalità tiegħu bħala Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet (ara fol. 310 et seq) fix-xhieda tiegħu fis-seduta datata nhar il-11 ta` Diċembru 2023.

Illi mir-riċerki ppreżentati mir-rikorrenti relatati mat-trasferimenti reġistrati f`isem Etelvoldo Bugeja (ara fol. 333 et seq) jirrizulta li l-maħżen numru 14, *Flagstone Wharf*, Marsa qatt ma kien trasferit lil terzi. Konsegwentement, huwa evidenti li r-rikorrenti laħqu l-prova meħtieġa sabiex tirnexxi l-*actio rei vindicatoria.*

Illi mill-atti wkoll jirriżulta ampjament ipprouvat li r-rikorrenti huma d-dixxendenti u cioe' l-eredi ta` Etelvoldo Bugeja.

Illi ma tressqu l'ebda provi li jinduċu xi dubju imqar wieħed li huwa wieħed li possibbilment hemm xi persuna li għandha titolu jew imqar pussess tal-maħżen numru 14, *Flagstone Wharf*, Marsa.

Illi, tenut kont tas-suespost il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti fit-totalita' tagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati kuraturi deputati.

**Deċiżjoni:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati safejn dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

2. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-*utile dominium* temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin sena li bdew jiddekorru fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914) tal-maħżen numru erbatax (14), *Flagstone Wharf*, Marsa kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen.

3. **Tilqa'** t-tieni talba u tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess liberu u battal tal-maħżen numru erbatax (14), *Flagstone Wharf*, Marsa, kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen.

4. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna l-iżgumbrament ta' kwalsijasi persuna li tista' tkun qiegħda tokkupa u/jew tagħmel użu mill-maħżen numru erbatax (14), *Flagstone Wharf,* Marsa kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen, u dan entro xahar mid-data ta` din id-deċiżjoni.

L-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi jitħallsu mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' April, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**29 ta' April, 2025**